LOMBARD

**Stqarrija taċ-Chairman lill-Membri**

L-ambjent operattiv għall-banek fl-2020 kien immarkat minn sfidi bla preċedent li kienu riżultat tal-pandemija tal-COVID-19 li materjalment ikkundizzjonat ir-riżultati finanzjarji tagħhom. L-impatt fuq il-profittabilità tat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku assoċjat mal-pandemija kompla jiggrava sitwazzjoni diġà diffiċli ikkaratterizzata minn rati tal-imgħax baxxi jekk mhux negattivi, marġni ta' interessi li dejjem jiċkienu u spejjeż operazzjonali li kull ma jmur qed jiżdiedu. Skrutinju regolatorju aktar intensiv kien sors ieħor ta' pressjoni kemm fuq ir-riżorsi finanzjarji kif ukoll fuq dawk umani tal-banek. Għalkemm Lombard Bank Malta p.l.c (il-Bank) irreaġixxa minnufih għal dawn l-iżviluppi, kif għamlet ukoll is-sussidjarja tiegħu, MaltaPost p.l.c., li ffaċċjat diffikultajiet loġistiċi sinifikanti, il-profitti qabel it-taxxa tal-Grupp niżlu għal €10.4 miljun, jigifieri 32.2% inqas mil-livell tas-sena preċedenti.

Fil-Bank, kemm id-dħul mill-interessi kif ukoll l-ammont ta' interessi li tħallsu ġew affettwati mir-reċessjoni ekonomika, biex b'hekk id-dħul nett ta' interessi li qabel kien qed jiżdied issa naqas. Interessi fuq self, li għadhom l-ikbar sors ta' dħul, naqsu minkejja domanda stabbli għall-kreditu hekk kif ir-rati medji fuq is-self naqsu f'suq kompetittiv. Sabiex jittaffew l-effetti tar-rati ta' interess negattivi fuq kollokamenti bankarji, ammont ta' likwidità ġiet investita f'portafoll ta' bonds barranin ta' kwalità għolja. Fl-istess ħin, żdied l-ammont ta' interessi li tħallas lid-depożitanti u dan ġara għaliex kien hemm dħul kontinwu ta'depożiti ġodda u fl-istess waqt kien hemm interruzzjoni fit-tendenza 'l isfel fir-rati ta' interess fuq id-depożiti. It-tnaqqis fid-dħul nett tal-interessi flimkien ma' dħul inqas ta' miżati u kummissjonijiet wassal sabiex iż-żieda fuq is-sena ta'qabel fit-total ta'dħul mill-operat kien biss ta' €0.3 miljun .

L-ispejjeż relatati mal-pandemija kkontribwixxew għal nefqa operattiva ogħla hekk kif ittieħdu passi biex tiġi żgurata li s-saħħa ta' l-impjegati u tal-klijenti tiġi mħarsa b'mod sħiħ u wkoll biex jiġu msaħħa s-servizzi ta' konnettività remota meħtieġa għal aċċess sikur għas-sistemi tal-Bank. L-isforzi kostanti tagħna biex jiġu żgurati strutturi u għarfien ta' governanza b'saħħitha flimkien mal-piż regolatorju li kull ma jmur qed jikber ħtieġu investimenti ġodda f'riżorsi teknoloġiċi u spejjeż addizzjonali marbutin mar-riżorsi umani.

Filwaqt li n-nefqa baqgħet ikkontrollata b'mod tajjeb fiċ-ċirkostanzi, il-profitt tal-Bank kien influwenzat minn żieda sostanzjali fil-flus imwarrba sabiex jagħmlu tajjeb għal indebboliment eventwali fis-self. Dan kien relatat l-iktar mal-konsegwenzi makroekonomiċi tal-pandemija u l-prospettiva li tħares 'il quddiem li hi parti integrali mill-mudell ta' kontabilità tat-Telf Mistenni mill-Kreditu li qiegħed jintuża. B'hekk dan ma' jfissirx li sofrejna xi telf u fil-fatt nistennew li ftit minn dawn il-proviżjonijiet jiġu mreġġgħin lura maż-żmien. Bħala riżultat ta' dan il-fattur, il-profitt qabel it-taxxa tal-Bank, li kien ta' €9.3 miljun, huwa inqas mis-sena preċedenti u ekwivalenti għal rata ta' qligħ fuq l-ishma ta' 5.5%. Il-fondi tal-azzjonisti żdiedu għal €121.3 miljun. F'dan l-isfond u l-klima ta' inċertezza maħluqa mill-pandemija, il-Bord irrakkomanda, suġġett għal approvazzjoni regolatorja, dividend ta' 3 ċenteżmi għal kull sehem f'konformità mal-linji gwida regolatorji u bħala riżultat tat-tmexxija għaqlija fil-passat u l-pożizzjoni finanzjarja b'saħħitha tal-Bank, kif ukoll ħruġ ta' bonus ta' sehem wieħed għal kull 75 sehem.

Minkejja l-ambjent makroekonomiku sfavorevoli, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Bank baqgħet b'saħħitha. Kemm id-depożiti kif ukoll is-self żdiedu, sinjal ta' fiduċja kontinwa tal-klijenti. Il-proporzjon ta' self ma' depożiti baqa' fuq livell prudenti ta' 65.5% filwaqt li l-kwalità tas-self kompliet titjieb sew f'termini ta' diversifikazzjoni tas-settur ekonomiku kif ukoll tnaqqis ulterjuri fil-proporzjon ta' self imsejjaħ 'Non-Performing Exposures', li huma żewġ fatturi li jnaqqsu r-riskju tal-Bank. Il-proporzjon tal-kapital totali u l-proporzjon tal-kopertura ta' likwidità kienu ta' 15.8% u 180.0% rispettivament, it-tnejn 'il fuq mil-limiti statutorji, filwaqt li l-proporzjon ta' ingranaġġ, li hu 10.5%, kien tliet darbiet ikbar mil-livell meħtieġ. Dawn il-figuri huma ta' serħan il-moħħ u jipprovdu assigurazzjoni li l-Bank għandu pedamenti sodi fuqhiex ikompli jikber fil-ġejjieni dejjem f'ambitu ta' riskju kkontrollat.

Malli feġġet il-pandemija f'Malta, il-Bank kien wieħed mill-ewwel istituzzjonijiet ta' kreditu li offra assistenza lill-klijenti kummerċjali u personali tiegħu. Għal dawk kummerċjali, twaqqaf fond biex jipprovdi likwidità fuq termini favorevoli sabiex il-kummerċ tagħhom ikun jista' jkompli bla' xkiel, filwaqt li ġiet offruta moratorja

fuq ħlas lura ta' self għax-xiri ta' djar lil dawk personali. Il-Bank ħa sehem ukoll fl-iskemi ta' sussidju tar-rati ta' garanziija u ta' interess introdotti mill-Malta Development Bank.

Is-sena li għaddiet kienet immarkata ukoll minn żieda fl-impenji regolatorji u ta' konformità mal-liġijiet u regoli, parzjalment assoċjati mal-pandemija. Bħala konsegwenza, il-livell ta' riżorsi meħtieġ biex jiġu sodisfatti dawn it-talbiet żdied. L-applikazzjoni attwali fiż-żona tal-Euro tal-mudell uniku ta' superviżjoni finanzjarja għal ġuriżdizzjoni żgħira bħal dik ta' Malta, li għall-kuntrarju ta' ħafna pajjiżi oħra uriet reżiljenza matul il-kriżi tal-2008 u lil hinn, tista' twassal għal effetti mhux mixtieqa fuq medda ta'żmien.

Apparti l-immaniġġjar tal-effetti tal-pandemija fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Bank, il-Bord assigura li l-prijoritajiet tal-Pjan ta' Negozju 2020-2022 baqgħu jiġu segwiti. Fokus ewlieni kien fuq l-espansjoni ulterjuri tan-negozju f'oqsma bħal self għal xiri ta'djar, karti ta' kreditu u servizzi ta' investiment. Dan tal-aħħar jinkludi t-twaqqif ta' kumpanija sussidjarja ta' mmaniġġjar ta' assi u fondi. Qasam ieħor ta' fokus huma l-funzjonijiet fil-Bank ta' governanza, riskju u konformità mal-liġijiet u regoli . It-tielet prijorità strateġika hija l-espansjoni ulterjuri tan-netwerk ta' fergħat sabiex inwasslu s-servizzi u l-prodotti tagħna lil bażi ta' klijenti iktar wiesgħa u biex ikun hemm żieda fl-opportunitajiet ta' finanzjament. Filwaqt li jibqa' jiġi segwit il-Pjan, il-Bank jibqa' impenjat li jżomm kwalità soda ta' assi skont il-mudell tiegħu ta' negozju ta' riskju baxx, ħaġa li tispjega r-rekord mingħajr tebgħa tal-Bank ta' ħamsin sena ta' salvagwardja tal-assi ta' l-investituri u l-estensjoni ta' kreditu għal finanzjament ta' attività ekonomika vijabbli.

Il-pandemija ħalliet impatt sinifikanti fuq l-operazzjonijiet tas-sussidjarja tal-Bank, MaltaPost p.l.c. Il-kumpanija ħadet azzjonijiet ta' mitigazzjoni xierqa biex ikun hemm kontinwità ta' negozju, inkluża l-tqassim regolari tal-posta, u għas-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurtà tal-impjegati. It-tfixkil ikkawżat mill-pandemija madankollu ma waqqafx it-tkomplija tal-programm ta' investiment, li jinkludi l-espansjoni tan-netwerk ta' fergħat, it-tisħiħ tal-infrastruttura tal-IT, l-introduzzjoni ta' għodda ġdida għall-tqassim tal-posta u d-diversifikazzjoni f'attivitajiet ta' negozju ġodda bħall-assigurazzjoni. Dawn l-investimenti għandhom iżidu il-valur fuq żmien twil ta' l-ishma ta' l-azzjonisti ta' MaltaPost u jkunu wkoll ta' benefiċċju għall-klijenti tas-servizzi postali. Minkejja l-isfidi bla preċedent li ġew iffaċjati, il-kumpanija rreġistrat profitt ta' qabel it-taxxa ta' €2.8 miljun, 6.6% inqas biss mis-sena preċedenti.

Is-sena li għaddiet kienet żmien ta' diffikultà kbira għall-impjegati tagħna li komplew jaqdu il-bżonnijiet tal-klijenti f'ċirkustanzi diffiċli u ta' spiss marru lil hinn minn dak li kien mistenni minnhom. Jiena nixtieq nesprimi l-gratitudni tiegħi u dik tal-Bord tad-Diretturi lilhom u lit-tim tal-maniġment, immexxi b'mod impekkabbli mill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, is-Sur Joseph Said, għad-dedikazzjoni u x-xogħol tagħhom. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-azzjonisti tal-Bank għall-appoġġ bla waqfien tagħhom u lill-klijenti kollha għal-lealtà kontinwa.

**Michael C. Bonello**
**Chairman**